MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2008

Numru 238/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Victor Aquilina**
**vs**
**Martin Debono**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Martin Debono ta’ 36 sena iben Anthony u Josephine nee’ Cassar mwieled Pieta fil-15 ta’ Novembru 1970 u residenti 12 Okkella Agius, Triq Hal Qormi Hamrun, ID 519070M.**

**Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-23 ta’ Frar 2007 u fil-jiem ta’ qabel**

**(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-**

**importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**(b) Ha sehem f'xi loghba ta' sogru li tintlghab ghall-flus jew valur ta' flus, jew ikorigga dik il-loghba jew ghalkemm ma kienx qed jiehu sehem f'xi loghba llegali, kien sieheb ta' xi gukatur f'xi loghba bhal dik, jew li kien prezenti filwaqt li kienet qed issir xi loghba bhal dik, gol-fond Liberty Bar fi Triq Hal Qormi il-Hamrun, ghal liema fond ma hemmx licenzja taht l-Att dwar il-loghob taht il-Kap 400 tal-Ligijiet ta' Malta jew taht l-Att dwar Lotteriji u loghob iehor, jew bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Loghob jew ta' kull regolament maghmul taht l-Att dwar il-Loghob jew bi ksur ta' xi kundizzjoni imposta f'xi licenzja mahruga taht l-Att dwar il-Loghob;**

**(c) Talli sar ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet biss.**

**Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tal-15 ta' Gunju 2007. Rat illi t-tielet imputazzjoni tirreferi ghal conditional discharge u ghal hekk ir-ricediva ma gietx ppruvata mill-prosekuzzjoni.**

**Stante li l-imputat ammetta l-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh, dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

**It-tielet imputazzjoni ma gietx ppruvata u ghal hekk il-Qorti ser tilliberah minnha.**

**Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9, l-Artikolu 42(1) tal-Kap 400 tal-Ligijiet ta' Malta kif wkoll it-Taqsima 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet biss u qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni.**

**Dwar il-piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni li l-imputat ammetta mill-ewwel iz-zewg imputazzjonijiet li taghhom instab hati u ghal hekk qed tipprovdi hekk:**

**(a) Dwar l-ewwel imputazzjoni, flok qed tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sentejn millum u l-Qorti qed tispjega lill-imputat l-Artikolu 22 tal-Kap 446;**
**(b) Dwar it-tieni imputazzjoni, wara li rat wkoll il-proviso imsemmi mill-Avukat Generli fl-Ordni tieghu, qed tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' 1000 Euro, liema multa tista tithallas b'pagamenti ta' 100 Euro fix-xahar. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro.**

MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------